# Ricky ta’ Lisa Scerri

*(addattament mis-*Sagħtar *ta’ Jannar 2009)*



Il-kelb tal-familja tiegħi jismu Ricky. Huwa Collie, aktar magħruf għal "Lassie" tal-films.

Dan il-kelb ibati l-aktar fis-sajf, għax għandu ħafna pil u b'hekk iħoss is-sħana.







Peress li għadu ġeru ta' seba' xhur,

Ricky jħobb jilgħab ħafna b'xi ballun,

jew b'xi zokk li jiġbor mill-ġnien.



Għajnejn Ricky huma suwed, u l-pil tiegħu hu ta’ lewn abjad, b’daqsxejn kannella u b’xi xagħra sewda ’l hawn u ’l hinn. Huwa kelb ubbidjenti ħafna.





Jekk tgħidlu biex jieqaf fuq saqajh ta' wara, hekk jagħmel.

Tfal, ħaġa waħda ngħidilkom: “Jekk tkunu se ġġibu xi kelb ġewwa darkom, ġibu *Collie*, għax hu ħabib l-aktar ġentili u ubbidjenti li jista’ jkollkom.”

